

Brussell, 14 ta' Lulju 2023
(OR. en)

11843/23

DRS 41
ECOFIN 776
EF 235

NOTA TA' TRAŻMISSJONI

minn:	Kummissjoni Ewropea
data meta waslet:	11 ta' Lulju 2023
lil:	Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill
Nru dok. Cion:	D090395/01
Suġġett:	REGOLAMENT TAL-KUMMISSJONI (UE) .../... ta' XXX li jemenda r-Regolament tal-Kummissjoni (UE) (<i>minħabba r-revoka u l-eżerċizzju ta' sostituzzjoni attwali tar-Regolament (KE) Nru 1126/2008 dwar l-IFRSs konsolidat (ISC/2023/01135), in-numru l-ġdid se jiġdid ladarba r-Regolament dwar l-IFRSs il-ġdid jiġi adottat mill-Kummissjoni</i>)/2023 fir-rigward tal-Istandard Internazzjonali ta' Rapportar Finanzjarju 16

Id-delegazzjonijiet isibu mehmuż id-dokument D090395/01.

Mehmuż: D090395/01



IL-KUMMISSJONI
EWROPEA

Brussell, XXX
[...] (2023) XXX draft

D090395/01

REGOLAMENT TAL-KUMMISSJONI (UE) .../...

ta' XXX

li jemenda r-Regolament tal-Kummissjoni (UE) (*minħabba r-revoka u l-eżerċizzju ta' sostituzzjoni attwali tar-Regolament (KE) Nru 1126/2008 dwar l-IFRSs konsolidat (ISC/2023/01135), in-numru l-ġdid se jiżdied ladarba r-Regolament dwar l-IFRSs il-ġdid jiġi adottat mill-Kummissjoni*)/2023 fir-rigward tal-Istandard Internazzjonali ta' Rapportar Finanzjarju 16

(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)

REGOLAMENT TAL-KUMMISSJONI (UE) .../...

ta' **XXX**

li jemenda r-Regolament tal-Kummissjoni (UE) (*minħabba r-revoka u l-eżerċizzju ta' sostituzzjoni attwali tar-Regolament (KE) Nru 1126/2008 dwar l-IFRSs konsolidat (ISC/2023/01135), in-numru l-ġdid se jiżdied ladarba r-Regolament dwar l-IFRSs il-ġdid jiġi adottat mill-Kummissjoni*)/2023 fir-rigward tal-Istandard Internazzjonali ta' Rapportar Finanzjarju 16

(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament (KE) Nru 1606/2002 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tad-19 ta' Lulju 2002 rigward l-applikazzjoni ta' standards internazzjonali tal-kontabilità¹, u b'mod partikolari l-Artikolu 3(1) tiegħu,

Billi:

- (1) Ġew adottati ċerti standard internazzjonali tal-kontabbiltà u interpretazzjonijiet li kienu jeżistu fi ... Xahar 2023 permezz tar-Regolament tal-Kummissjoni (UE) (*minħabba r-revoka u l-eżerċizzju ta' sostituzzjoni attwali tar-Regolament (KE) Nru 1126/2008 dwar l-IFRSs konsolidat (ISC/2023/01135), in-numru l-ġdid se jiżdied ladarba r-Regolament dwar l-IFRSs il-ġdid jiġi adottat mill-Kummissjoni*)/2023²
- (2) Fit-22 ta' Settembru 2022, il-Bord dwar l-Istandards Internazzjonali tal-Kontabbiltà ħareġ emendi għall-Istandard Internazzjonali ta' Rapportar Finanzjarju 16 *Lokazzjonijiet* ("IFRS 16"), li jstipula kif jenħtieġ li kumpanija tirrikonoxxi, tkejjel, tippreżenta u tiddivulga lokazzjonijiet. L-emendi tal-IFRS 16 jispeċifikaw kif il-bejjiegħ lokatarju sussegwentement ikejjel it-tranżazzjonijiet ta' bejgħ b'lokazzjoni lura.
- (3) Wara l-konsultazzjoni mal-Grupp Konsultattiv Ewropew għar-Rapportar Finanzjarju EFRAG, il-Kummissjoni tikkonkludi li l-emendi fl-IFRS 16 jissodisfaw il-kriterji għall-adozzjoni stipulati fl-Artikolu 3(2) tar-Regolament (KE) Nru 1606/2002.
- (4) Għaldaqstant, jenħtieġ li r-Regolament tal-Kummissjoni (UE) (*minħabba r-revoka u l-eżerċizzju ta' sostituzzjoni attwali tar-Regolament (KE) Nru 1126/2008 dwar l-IFRSs konsolidat (ISC/2023/01135), in-numru l-ġdid se jiżdied ladarba r-Regolament dwar l-IFRSs il-ġdid jiġi adottat mill-Kummissjoni*)/2023 jiġi emendat skont dan.
- (5) Il-miżuri previsti f'dan ir-Regolament huma f'konformità mal-opinjoni tal-Kumitat Regulatorju dwar il-Kontabbiltà,

¹ ĠU L 243, 11.9.2002, p. 1.

² se jiġi aġġornat ladarba l-Kummissjoni tadotta r-Regolament dwar l-IFRSs il-ġdid.

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

Artikolu 1

Fl-Anness tar-Regolament tal-Kummissjoni (UE) (*minħabba r-revoka u l-eżerċizzju ta' sostituzzjoni attwali tar-Regolament (KE) Nru 1126/2008 dwar l-IFRSs konsolidat (ISC/2023/01135), in-numru l-ġdid se jiżdied ladarba r-Regolament dwar l-IFRSs il-ġdid jiġi adottat mill-Kummissjoni*)/2023, l-Istandard Internazzjonali ta' Rapportar Finanzjarju 16 *Lokazzjonijiet* huwa emendat kif stipulat fl-Anness ta' dan ir-Regolament.

Artikolu 2

Kull kumpanija għandha tapplika l-emendi msemmija fl-Artikolu 1, mhux aktar tard mid-data tal-bidu tal-ewwel sena finanzjarja tagħha li tibda fl-1 ta' Jannar 2024 jew wara.

Artikolu 3

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fl-għoxrin jum wara dak tal-pubblikazzjoni tiegħu f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell,

*Għall-Kummissjoni
Il-President
Ursula von der Leyen*